MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Illum 18 ta' April, 2017

Mandat ta' Inibizzjoni Numru: 499/17LM

**Sammy Borg Enterprises Limited (C 32089)**

***vs.***

**Kunsill Lokali San Ġwann u b'digriet tat-30 ta' Marzu, 2017 Saviour Galea (K.I. 14989M), Joseph Galea (K.I. 547986M), Constantino Galea (K.I. 409459M) u Christian Galea (K.I. 335984M) f'isimhom u f'isem Galea Cleaning Solutions JV ġew awtorizzati jintervjenu**
***in statu et terminis***

**Il-Qorti**,

Rat ir-Rikors tas-soċjetà rikorrenti **Sammy Borg Enterprises Limited** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà rikorrenti"), li ġie ppreżentat fit-29 ta'

Marzu, 2017 u li jgħid kif ġej:

*Illi l-esponenti għandu interess li jitħarsu l-jeddijiet tal-esponenti;*

*Illi l-esponenti sabiex jikkawtela d-drittijiet tiegħu, jixtieq iżomm l-intimati milli: jikkonkludu kuntratt ma' Saviour Galea, Joseph Galea, Constantino Galea u Christian Galea f'isimhom u f'isem Galea Cleaning Solutions JV wara s-sejħa għall-offerti maħruġa fit-30 ta' Jannar, 2015 mill-kunsill lokali intimat bir-referenza SGLC/T/06/15 (Tender for Domestic Watse Collection door to door) fil-lokalità ta' San Ġwann.*

*Illi relattivament għal din is-sejħa għall-offerti kien hemm proċeduri quddiem il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi fuq ittri ta' oġġezzjoni magħmula minn offerenti oħra u ċjoè Waste Collection Limited, liema appell kien ġie determinat mill-istess Bord fis-17 ta' Mejju, 2016, u Alexander Fenech u Mario Borg liema appell li kien ġie determinat ukoll mill-istess Bord fl-istess data.*

*Illi wara l-ittra ta' oġġezzjoni magħmula minn Waste Collection Limited il-Bord fuq imsemmi ħassar il-proċess li kien wassal għad-deċiżjoni tal-Kunsill Lokali intimat li jagħti l-kuntratt lil Saviour Galea, Joseph Galea, Constantino Galea u Christian Galea f'isimhom u f'isem Galea Cleaning Solusions JV. In partikolari l-imsemmi Bord fid-deċiżjoni tiegħu mogħtija fis-17 ta' Mejju, 2016 sab hekk:*

*"This Board... upholds the Appellant's (jiġifieri ta' Waste Collection Limited) contention and recommends that: "The Tender is to be re-issued and the proper evaluation procedure is to be strictly adhered to..."*

*Illi dan kien ifisser illi l-esponenti kienet intitolata li terġa' tagħmel offerta ġdida wara sejħa għall-offerti ġdida da parti tal-kunsill lokali intimat u li għalhekk kellha interess u dritt illi din id-deċiżjoni ma tinbidilx.*

*Illi ż-żewġ deċiżjonijiet tal-imsemmi Bord ġew appellati minn Saviour Galea, Joseph Galea, Constantino Galea u Christian Galea f'isimhom u f'isem Galea Cleaning Solutions JV quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell (liema appelli jġibu n-numri*

*255/2016 u 256/2016 rispettivament (Dok A u Dok B*[1]*)). Dawn l-appelli ġew deċiżi fit-28 ta’ Novembru, 2016 u 27 ta’ Frar, 2017 rispettivament. Skont dawn is-sentenzi tal-Onorabbli Qorti tal-Appell il-Qorti laqgħet l-appell ta’ Saviour Galea, Joseph Galea, Constantino Galea u Christian Galea f’isimhom u f’isem Galea Cleaning Solutions JV u wara li ħassret id-deċiżjoni tal-imsemmi Bord tas-17 ta’ Mejju, 2016, marret oltre u ddeċidiet illi l-kuntratt jingħata lil Saviour Galea, Joseph Galea, Constantino Galea u Christian Galea f’isimhom u f’isem Galea Cleaning Solutions JV u mhux aktar li jinħareġ tender mill-ġdid.*

*Illi l-esponenti qatt ma kienet notifikata bil-proċeduri ta’ dawk ta’ quddiem l-imsemmi Bord u lanqas dawk ta’ quddiem il-Qorti tal-Appell u dan minkejja li l-esponenti bħala offerenti kellha interess li tkun parte in kawża sabiex tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha u tipproteġi l-interessi tagħha kif fuq spjegat.*

*Illi l-proċeduri li saru quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell, li fihom l-esponenti ma kenitx parti, jilledu id-dritt tagħha li ma jitteħdulhiex drittijiet mingħajr ma tkun parteċipi fi proċeduri ġudizzjarji jew kważi fejn tkun tista’ tiddefendi d-drittijiet tagħha f’proċess fejn il-prinċipju tal-audi alteram parte jiġi assigurat u osservat. Illi għalhekk il-proċeduri quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell ma għandhomx effett fil-konfront tal-esponenti.*

*Illi l-esponenti ser tiġi ppreġudikata jekk l-intimati ma jiġux inibiti kif ingħad;*

*Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ ta’ mandat ta’ inibizzjoni sabiex iżommhom milli jkomplu jagħmlu l-ħwejjeġ hawn fuq imsemmija.*

Rat id-digriet tagħha tat-29 ta’ Marzu, 2017 fejn ai termini tal-artikolu 875(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta laqgħet it-talba provviżorjament, b’dan li rriżervat li tipprovdi b’mod definittiv fi stadju ulterjuri.

[1] *A fol.* 3 sa 6 u *a fol.* 7 sa 8 tal-proċess rispettivament.

Rat illi l-Kunsill Lokali San Ġwann ġie notifikat bir-rikors fit-29 ta' Marzu, 2017.

Rat id-digriet tagħha tat-30 ta' Marzu, 2017 fejn laqgħet it-talba ta' Saviour Galea, Joseph Galea, Constantino Galea u Christian Galea f'isimhom u f'isem Galea Cleaning Solutions JV sabiex jitħallew jintervjenu f'din il-proċedura.

Rat ir-Risposta ta' **Saviour Galea, Joseph Galea, Constantino Galea u Christian Galea f'isimhom u f'isem Galea Cleaning Solutions JV** (minn issa 'l quddiem "l-intervenuti f'din il-proċedura") ippreżentata fit-3 ta' April, 2017, fejn ġie eċċepit:

*Illi fid-29 ta' Marzu, 2017 sar rikors mir-rikorrenti Sammy Borg Enterprises Limited sabiex il-Kunsill Lokali intimat jiġi inibit milli jiffirma kuntratt mal-esponenti;*

*Illi dan ir-rikors intlaqa' b'mod provviżorju u tħalla għas-smigħ għal-4 ta' April, 2017;*

*Illi fit-30 ta' Marzu, 2017 l-esponenti għamlu rikors sabiex jintervjenu fil-proċeduri odjerni, u dan ir-rikors intlaqa' fl-istess ġurnata;*

*Illi għalhekk l-esponenti jissottomettu s-segwenti:*

***A. <u>Il-Fatti</u>***

*Illi l-fatti rilevanti għal dan l-appell* (sic) *huma s-segwenti:*

a. *Fit-30 ta' Jannar, 2015, il-Kunsill Lokali intimat ippubblika tender bin-numru SGLC/T/6/15 bit-titolu "Tender for the Domestic Waste Collection Door to Door". Dan it-tender għalaq fis-6 ta' Marzu, 2015. Ġew sottomessi numru ta' offerti, fosthom tal-esponenti;*

b. *Permezz ta' ittra datata 18 ta' Ġunju, 2015, l-esponenti ġew infurmati mill-Kunsill Lokali San Ġwann illi l-offerta tagħhom ma kinitx ser tiġi aċċettata u illi l-offerta rebbieħa kienet dik ta' kumpannija bl-isem Waste Collection Ltd;*

c. *Kemm l-esponenti kif ukoll tenderer ieħor, ċioè Mario Borg u Alexander Fenech, għamlu oġġezzjoni kontra din id-deċiżjoni quddiem il-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi ("il-Bord"). Ma saret l-ebda oġġezzjoni quddiem il-Bord mir-rikorrenti Sammy Borg Enterprises Limited, minkejja li kellu kull dritt jagħmel dan;*

d. *Ġara illi, żmien qabel ma ġiet appuntata data mill-Bord sabiex jinstemgħu dawn iż-żewġ appelli quddiem il-Bord, il-Kunsill Lokali ħa deċiżjoni li jħassar l-għotja lil Waste Collection Ltd waqt laqgħa li saret fit-12 ta' Ottubru, 2015 u minflok jagħżel l-offerta tal-esponenti. Il-Kunsill Lokali ħa din id-deċiżjoni għaliex Waste Collection Ltd ma żammitx il-bid bond in vigore;*

e. *Kemm Waste Collection Ltd kif ukoll Mario Borg u Alexander Fenech issottomettew oġġezzjoni quddiem il-Bord kontra d-deċiżjoni tal-Kunsill illi t-tender jingħata lill-esponenti. Ma saret l-ebda oġġezzjoni quddiem il-Bord mir-rikorrenti Sammy Borg Enterprises Limited, minkejja li kellu kull dritt jagħmel dan;*

f. *Fiż-17 ta' Mejju, 2016, il-Bord laqa' t-talbiet ta' Waste Collection Ltd u ta' Mario Borg u Alexander Fenech u (permezz ta' żewġ deċiżjonijiet separati) ordna l-kanċelliment tat-tendering process;*

g. *L-esponenti ppreżentaw żewġ appelli quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri). Ma saret l-ebda talba mir-rikorrenti Sammy Borg Enterprises Limited biex jintervjeni f'dawn iż-żewġ appelli.*

h. *Permezz ta' żewġ deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Appell (mogħtija fit-28 ta' Novembru, 2016 u fis-27 ta' Frar, 2017, Doks A u B annessi[2]), il-Qorti tal-Appell ddeċidiet li tilqa' l-appelli tal-esponenti u effettivament ordnat li l-kuntratt jingħata lill-esponenti.*

B. *<u>L-artikolu 873 tal-Kap 12</u>*

*Illi skont l-ewwel subinċiż tal-art. 873 tal-Kap 12 –*

*"L-iskop tal-Mandat ta' Inibizzjoni huwa li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat."*

*Illi skont it-tieni subinċiż tal-istess artikolu –*

*"Il-Qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent 'prima facie' jidher li għandu dawk il-jeddijiet."*

*Illi għalhekk, jirriżulta li sabiex jista' jinkiseb il-ħruġ tal-Mandat, iridu jissussistu flimkien dawn ir-rekwiżiti:-*

a. *Il-jedd prima facie tar-rikorrent;*

b. *Il-ħtieġa għar-rikorrent li l-ħruġ tal-Mandat se jservi għat-tħaris tal-jedd; u*

c. *Il-preġudizzju tar-rikorrent.*

*Illi huwa paċifiku illi dawn ir-rekwiżiti huma kumulattivi u mhux alternattivi, u allura dan ifisser illi jekk imqar wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti hija obbligata tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat.*

**C. *Nuqqas ta' Jedd Prima Facie***

*Illi għandu jkun evidenti illi r-rikorrenti m'għandu l-ebda jedd tan-natura li qiegħed jivvanta f'dawn il-proċeduri. Ir-rikorrenti kellu numru ta' opportunitajiet*

[2] *A fol.* 17 sa 19 u 20 sa 27 tal-proċess rispettivament.

*sabiex jieħu azzjoni bil-għan li jikkawtela d-drittijiet li qiegħed jippretendi iżda huwa naqas milli jagħmel dan f'kull stadju. Biżżejjed li jiġi rilevat illi r-rikorrenti ma ppreżenta l-ebda oġġezzjoni kontra l-ebda deċiżjoni tal-Kunsill Lokali intimat quddiem il-Bord, minkejja li dan id-dritt kien kompetenti lilu.*

*Illi fil-verità l-posizzjoni legali tar-rikorrenti hija illi, ladarba r-rikorrenti ġiet skwalifikata mill-proċess tat-tender u ma appellatx kontra din l-iskwalifika, l-interess ġuridiku tagħha fl-eżitu tat-tender spiċċa.*

*F'dan il-kuntest issir riferenza għas-sentenza fl-ismijiet* ***Avukat Kenneth Grima bħala mandatarju speċjali għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà estera Eurocopter SAS soċjetà reġistrata Franza v. Direttur tal-Kuntratti***[3] *fejn ġie deċiż proprju hekk:*

> *"Mill-premess, għandu jirriżulta ċar li s-soċjetà appellanti jonqos fiha l-interess ġuridiku meħtieġ biex hija tkun tista' tressaq dan l-appell. Dan qed jingħad għax darba hija ġiet skwalifikata milli tikkompeti għall-għoti tal-kuntratt in kwistjoni, u min din l-iskwalifika hija ma appellatx quddiem din il-Qorti, l-iskwalifika tagħha għaddiet in ġudikat u saret definittiva, u kwindi hija ma baqgħalha ebda interess f'dan il-kuntratt. La darba s-soċjetà appellanti ma spurgatx l-iskwalifika tagħha quddiem din il-Qorti, kif kellha kull jedd li tagħmel, ifisser li hija llum qegħdha 'il barra mill-ġirja għal dan il-kuntratt, u anke sempliċi dikjarazzjoni favorevoli għaliha f'dawn il-proċeduri ma tkun tista' twassal għall-ebda eżitu, għax tali dikjarazzjoni, f'kull każ, m'hijiex se tħassar l-iskwalifika tal-parteċipazzjoni tagħha mill-konkors tal-għoti tal-kuntratt. Is-soċjetà appellant ma hijiex iżjed konkorenti fl-aġġudikazzjoni ta' dan il-kuntratt, u allura ma għandha ebda interess li tindaħal fil-proċess meritu tal-appell. Hija ġiet skwalifikata b'mod assolut u legalment definittiv, u l-involviment tagħha fil-proċess issa spiċċa (fil-fatt, ilu li spiċċa minn Jannar, 2013)."*

*Illi għandu jkun evidenti illi, ladarba r-rikorrenti lanqas għandha interess ġuridiku fl-eżitu tat-tendering proċess, ċertament m'għandiex il-jedd prima facie meħtieġ sabiex titlob, u tottjeni, il-mandat ta' inibizzjoni de quo.*

[3] Appell Superjuri, Appell Numru. 115/2013/1, 28 ta' Gunju 2013.

*Illi ma jistax ma jiġix rilevat ukoll illi effettivament il-Kunsill intimat ġie ordnat jiffirma il-kuntratt mertu ta' dawn il-preċeduri mal-esponenti permezz ta' żewġ sentenzi tal-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) illi issa huma res judicata u eżigwibbli.*

*Għalhekk, fl-eventwalità li r-rikors għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni jintlaqa', dan ikun ifisser illi l-Kunsill ma jkunx f'pożizzjoni li jottempera ruħu ma' dak li ġie ordnat mill-Qorti tal-Appell. Ċertament, fis-sistema ġudizzjarja tagħna, għandhom jiġu evitati ċirkostanzi fejn Qorti tordna lil persuna sabiex hija ma tobdix ordni ta' Qorti oħra.*

*Illi għaldaqstant l-esponenti umilment jissottometti illi m'hemmx lok għal-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni mitlub u illi, addizzjonalment, l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jitħallsu mir-rikorrenti.*

Rat ir-Risposta tal-intimat **Kunsill Lokali San Ġwann** (minn issa 'l quddiem "il-Kunsill intimat") ippreżentata fit-4 ta' April, 2017, fejn ġie eċċepit:

1) *Illi permezz tal-mandat ta' inibizzjoni de quo, is-soċjetà rikorrenti qiegħda tittenna iżżomm lill-esponenti milli jattwaw l-ordnijiet u d-direttivi mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-deċiżjonijiet mogħtija nhar it-28 ta' Novembru, 2016 (Dok A*[4]*) u nhar is-27 ta' Frar, 2017 (Dok B*[5]*) li permezz tagħhom l-Onorabbli Qorti tal-Appell ħassret żewġ deċiżjonijiet mogħtija mill-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi li oriġinarjament kienu laqgħu żewġ ilmenti separati imressqin minn 1) Alexander Fenech u Mario Borg u 2) Waste Collection Limited u dan fir-rigward ta' sejħa għall-offerti mnedija mill-Kunsill esponenti;*

2) *Illi dan l-animu joħroġ ċar minn protest ġudizzjarju ppreżentat mir-rikorrenti nhar is-27 ta' Marzu, 2017 u notifikat lill-Kunsill esponenti (Dok C*[6]*);*

[4] *A fol.* 44 sa 51 tal-proċess.
[5] *A fol.* 52 sa 54 tal-proċess.
[6] *A fol.* 55 tal-proċess.

3) *Illi permezz taż-żewġ deċiżjonijiet tal-Onorabbli Qorti tal-Appell surreferiti, id-deċiżjonijiet tal-Bord ta' Reviżjoni ġew imħassra u minflok reġgħet inġabet fis-seħħ id-deċiżjoni tal-Kunsill Lokali tat-12 ta' Ottubru, 2015 li biha ħassar l-għotja tal-kuntratt lill Waste Collection u minflok għażel li jagħti l-kuntratt lill-Appellanti Galea;*

4) *Jedd prima facie*

*Illi kif jista' jiġi faċilment aċċertat is-soċjetà rikorrenti m'għandha assolutament ebda interess ġuridiku inkwantu fi stadju ta' ipproċessar u evalwazzjoni tas-sejħa għall-offerti mertu tal-proċeduri suddetti u senjatament SGLC/T/06/15 bl-isem "Tender for Domestic Waste Collection Door to Door" hija ġiet eskuża u ma ikkontestat dan is-sejbien bl-ebda mod.*

*Illi jidher li s-soċjetà rikorrenti xtaqet imbagħad tistrieħ fuq id-deċiżjoni tal-Bord ta' Reviżjoni fuq ilment imressaq minn terzi u dan naturalment għaliex ordna li titħassar is-sejħa għall-offerti u b'hekk kulħadd, inkluż entitajiet li ma kinux ipparteċipaw oriġinarjament setgħu jieħdu sehem.*

*Illi madankollu d-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Appell surreferiti ma qablux mal-Bord ta' Reviżjoni u minflok iddeċidew li l-Kunsill kien aġixxa korrettement u kkonferma d-deċiżjoni tal-istess Kunsill.*

*Illi s-soċjetà rikorrenti ma tistax bl-ebda mod tippretendi li l-ewwel tagħżel li ma tappellax u mbagħad tilmenta li l-appell ta' terz ġie finalment skartat!*

*Illi dwar dan il-punt issir referenza għal każ fejn entità li kienet eskluża minn tender għamlet oġġezzjoni quddiem il-Bord ta' Reviżjoni liema oġġezzjoni eventwalment inċaħdet. Din l-entità ma ressqitx appell skont il-liġi iżda minflok ittentat tuża l-proċedura tal-mandat ta' inibizzjoni. Fid-deċiżjoni tal-Onor. Prim'Awla kif presjeduta mill-Onor. Imħallef. J. Zammit Mckeon tas-26 ta' Marzu 2014 (Mandat Numru 288/2013/1) fl-ismijiet Dr Kenneth Grima bħala mandatarju speċjali għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà estera Eurocopter SAS soċjetà reġistrata Franza v. Id-Direttur Ġenerali tal-Kuntratti, intqal hekk:*

> *"Għall-fini ta' dan il-proċediment, kruċjali ħafna għal din il-Qorti kien il-fatt illi r-rikorrenti, għar-raġunijiet tagħha, wara d-deċiżjoni tal-Bord ta' Reviżjoni, fuq il-kwistjonijiet kollha li dwarhom ilmentat quddiem din il-Qorti, ma marritx għall-appell quddiem il-Qorti tal-Appell kif jipprovdi l-art. 85 tal-Avviz Legali 296 tal-2010. Fil-każ tagħha, dak kien rimedju ordinarju li setgħet u kellha tirrikorri għalih biex tindirizza l-ilmenti tagħha, fid-diversi xejriet tagħhom. Minflok għamlet hekk, ir-rikorrenti marret għal dan il-proċediment li l-liġi trid li jkun eċċezzjoni u straordinarju. Għaliex hekk huwa, dan il-proċediment għandu parametri stretti li jridu jiġu sodisfatti kollha. Din il-Qorti ma ssibx li r-rikorrenti għandha jedd prima facie biex tavvanza l-pretensjonijiet tagħha kontra l-intimat : la mill-punto di vista ta' fatt u wisq anqas mill-punto di visto ta' għażla tar-rimedju."*

*Illi għalhekk għandu jkun ovvju li s-soċjetà rikorrenti m'għandhiex l-interess ġuridiku neċessarju biex tipprovwovi kwalsiasi tip ta' proċeduri f'dan l-istadju.*

5) *Disprezz lejn l-awtorità tal-Qorti*

*Illi se mai it-tentattiv da parti tas-soċjetà rikorrenti sabiex iżomm lill-esponenti milli tattwa d-deċiżjonijiet jammonta fil-fehma tal-esponenti għal disprezz lejn l-awtorità tal-Qorti u jkun perikoluż immens li tibgħata l-impressjoni li sentenzi li għaddew in ġudikat ma jitħallewx jiġu esegwiti permezz ta' mandat ta' inibizzjoni.*

6) *Sproporzjon fil-preġudizzju*

*lli dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, trattandosi minn deċiżjoni ta' entità pubblika, ir-rikorrenti wkoll jeħtieġlu jipprova, ai termini tal-art. 873(3) tal-Kap. 12 li kemm-il darba ma jinħariġx il-mandat, il-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess għemil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma. Illi ċertament dan l-element qatt ma jista' jiġu ppruvat fil-każ odjern meta dak li qed jintalab huwa proprju li l-Kunsill ma jikkonkludix il-kuntratt għall-ġbir tal-iskart – ħaġa li huwa anke obbligat li jagħmel a tenur tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali.*

*7) Konklużjoni*

*Għaldaqstant jiġi umilment sottomess li dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex tilqa' t-talba għall-ħruġ tal-mandat hekk kif mitluba, tirrevoka contrario imperio d-deċiżjoni u dana bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrenti.*

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-mandat.

Semgħet ix-xhieda ta' **Kurt Guillaumier,** is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill intimat, li ppreżenta kopja ta' dokument li juri minn kienu l-ħames *bidders* għat-tender inkwistjoni.[7]

Fl-udjenza tal-4 ta' April, 2017 semgħet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet, li ġiet reġistrata bil-mezz elettroniku, fejn ir-rikors tħalla għal provvediment kamerali, li qed jingħata llum.

Rat l-artikoli rilevanti tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta relattivi għal mandati ta' inibizzjoni, u partikolarment l-artikoli 831, 873, 874, 875 u 876A.

[7] *A fol.* 62 tal-proċess.

## Il-kwistjoni bejn il-partijiet

Is-soċjetà rikorrenti qiegħda tagħmel talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni biex twaqqaf lill-intimat Kunsill Lokali ta' San Ġwann milli jikkonkludi kuntratt mal-intervenuti f'din il-proċedura, għall-provvista ta' ġbir ta' skart minn quddiem id-djar (*door to door*) fil-lokalità ta' San Ġwann, liema kuntratt kien ġie mogħti lill-intervenuti f'din il-proċedura wara sejħa mill-Kunsill Lokali għal offerti għall-kuntratt fuq imsemmi u finalment ġie ordnat li jingħata lilhom mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) b'żewġ sentenzi datati 28 ta' Novembru, 2016 u 27 ta' Frar, 2017 rispettivament fl-ismijiet **Saviour Galea, Joseph Galea, Constantino Galea u Christian Galea f'isimhom u f'isem Galea Cleaning Solutions JV *vs.* Kunsill Lokali San Ġwann u Waste Collection Ltd.**[8] u **Saviour Galea, Joseph Galea, Constantino Galea u Christian Galea f'isimhom u f'isem Galea Cleaning Solutions JV *vs.* Kunsill Lokali San Ġwann u Alexander Fenech u Mario Borg.**[9]

Illi wara s-sejħa tal-Kunsill Lokali tal-30 ta' Jannar, 2015, li għaliha daħlu ħames offerenti, l-intevenuti f'din il-proċedura, Waste Collection

[8] Fejn il-Qorti tal-Appell iddeċidiet: "Il-Qorti għalhekk tilqa' l-appell, tħassar id-deċiżjoni tal-Bord ta' Reviżjoni tas-17 ta' Mejju, 2016 u terġa' ġġib fis-seħħ id-deċiżjoni tal-Kunsill Lokali tat-12 ta' Ottubru, 2015 li biha ħassar l-għotja tal-kuntratt lil Waste Collection u, minflok, għażel li jagħti l-kuntratt lill-Appellanti Galea. L-ispejjeż ta' dan l-appell tħallashom Waste Collection Limited".

[9] Fejn il-Qorti tal-Appell iddeċidiet: "Il-Qorti, wara li rat li l-aggravji mressqa fl-appell tal-lum huma bħal dawk imressqa fl-Appell 255/2016 (u ċjoè dik *in calce* 8) kontra l-istess deċiżjoni tal-Bord ta' Reviżjoni, tilqa' l-appell tal-lum għall-istess raġunijiet mogħtija fis-sentenza tat-28 ta' Novembru, 2016 fl-ismijiet **Saviour Galea *et. vs.* Kunsill Lokali San Ġwann *et.*** fl-atti tal-Appell 255/2016: għalhekk tħassar id-deċiżjoni tal-Kunsill Lokali tat-12 ta' Ottubru, 2015 li biha ħassar l-għotja tal-kuntratt lil Waste Collection u, minflok, għażel li jagħti l-kuntratt lill-Appellant Galea. L-ispejjeż ġudizzjarji jħallsuhom Fenech u Borg."

Limited, Mario Borg u Alexander Fenech, SRF & Valeadrians u s-soċjetà rikorrenti odjerna, l-offerta kienet ingħatat mill-Kunsill Lokali lil Waste Collection Limited. Minn din id-deċiżjoni ressqu oġġezzjoni quddiem il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi l-intervenuti f'din il-proċedura u Borg u Fenech, però mhux s-soċjetà rikorrenti. Imma fil-frattemp kienet skadiet il-*bid bond* ta' Waste Collection Limited u allura l-oġġezzjoni tal-intervenuti fil-proċedura ġiet irtirata u l-oġġezzjoni l-oħra li ma ġietx irtirata, ġiet ikkunsidrati eżawrita.

Illi għalhekk il-Kunsill intimat b'deċiżjoni tat-12 ta' Ottubru, 2015, ħassar l-għotja tal-kuntratt lil Waste Collection Limited u minflok għażel li jagħti l-kuntratt lill-intervenuti f'din il-proċedura. Kienu oġġezzjonaw għal din l-aħħar deċiżjoni tal-Kunsill quddiem il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi, Waste Collection Limited u Borg u Fenech imma mhux s-soċjetà rikorrenti. Il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi laqa' ż-żewġ oġġezzjonijiet fis-17 ta' Mejju, 2016 billi ddeċieda illi *"The Tender is to be re-issued and the proper evaluation procedure is to be strictly adhered to."*

Illi minn dawn iż-żewġ deċiżjonijiet appellaw l-intervenuti f'din il-proċedura permezz ta' żewġ appelli separati quddiem il-Qorti tal-Appell, li finalment wasslu għas-sentenzi finali suċitati. Is-soċjetà rikorrenti qiegħda tilmenta li hi ma pparteċipatx u ma nstemgħetx fl-imsemmija żewġ proċeduri quddiem il-Qorti tal-Appell, u li għalhekk kien hemm

ksur tad-dritt tagħha tal-*audi alteram parte* u konsegwentement dawn iż-żewġ sentenzi tal-Qorti tal-Appell ma jorbtux lilha u li għalhekk huma applikabbli d-deċiżjonijiet tal-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi tas-17 ta' Mejju, 2016, fejn kien ordnat illi terġa' ssir mill-ġdid sejħa pubblika għall-offerti. Is-soċjetà rikorrenti bl-imsemmija sentenzi tal-Qorti tal-Appell l-opportunità li kellha s-soċjetà rikorrenti li tieħu sehem fit-tender li kellu jinfetaħ mill-ġdid ġiet miċħuda lilha mingħajr ma kienet parti fil-proċeduri tal-appell.

Illi l-intervenuti f'din il-proċedura laqgħu għar-rikors promotur billi sostnew illi hemm nuqqas ta' jedd *prima facie* min-naħa tas-soċjetà rikorrenti għax din kienet naqset li toġġezzjona quddiem il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi u ma intervjenietx fiż-żewġ proċeduri quddiem il-Qorti tal-Appell u għalhekk din issa m'għandhiex l-interess ġuridiku meħtieġ biex tipproponi t-talba għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni odjern.[10]

Illi l-Kunsill intimat jopponi għar-rikors promotur kemm għar-raġunijiet imsemmija fir-risposta tal-intervenuti f'din il-proċedura, u kemm għax bit-talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, is-soċjetà rikorrenti qiegħda tittenta twaqqaf l-eżekuzzjoni ta' sentenzi finali ta' Qorti u dan jammonta għall-disprezz lejn l-awtorità tal-Qorti. tal-Kap, 12 tal-Liġijiet

[10] Jagħmlu referenza għad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell (Sede Sup.) tat-28 ta' Ġunju, 2013 fl-ismijiet **Avv. Kenneth Grima *noe. vs.* Direttur tal-Kuntratt** li ddeċidiet punt simili.

ta' Malta. Barra minn hekk tenut kont ta' dak illi jipprovdi l-artikolu 873(3) tal-Kap. 12, *trattandosi* ta' entità pubblika, il-preġudizzju li ser isofri l-Kunsill ċertament hu sproporzjonat ma' dak li qiegħda tallega li ser issofri s-soċjetà rikorrenti. Bil-Mandat qiegħed jintalab illi pendenti l-eżitu tal-kawża fil-mertu, tinżamm sospiża l-aġġudikazzjoni ta' kuntratt għall-ġbir ta' skart bi preġudizzju għall-lokalità kollha ta' San Ġwann.

**Ikkunsidrat:**

Illi x-xhud Kurt Guillaumier, is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill intimat[11] prodott mis-soċjetà rikorrenti, jirriafferma illi s-soċjetà rikorrenti fl-ebda stadju tat-*tendering process* ma kienet oġġezzjonat u lanqas intervjeniet fl-appelli quddiem il-Qorti tal-Appell. Dan ix-xhud jikkonferma li kieku ma ġewx revokati d-deċiżjonijiet tal-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi mill-Qorti tal-Appell, il-Kunsill kien ikun obbligat li jerġa' joħroġ it-*tender* mill-ġdid u kienet tkun tista' terġa' tapplika mhux biss is-soċjetà rikorrenti imma kull min seta' jkun interessat, anki min ma kienx tefa' offerta oriġinarjament.

[11] *A fol.* 57 sa 61.

**Kunsiderazzjonijiet legali**

Illi it-talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni qiegħda ssir abbażi tal-artikolu 873 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, liema artikolu jistabbilixxi r-rekwiżiti ġenerali għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, l-iskop ta' mandat ta' din ix-xorta huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.

Illi skont l-artikolu 873(2) tal-Kap. 12:

> "873. (2) Il-qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent *prima facie* jidher li għandu dawk il-jeddijiet."

Illi jirriżultaw minn dan l-artikolu tliet presupposti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni:

(1) ikun sejjer isir xi att li jista' jkun ta' preġudizzju ta' xi jedd tar-rikorrenti: il-periklu jkun għad-dritt fiż-żmien meħtieġ biex jinkiseb pronunzjament fil-mertu, 'l hekk imsejjaħ *periculum in mora;*

(2) iż-żamma tal-imsemmi att tkun meħtieġa biex jiġi mħares dan il-jedd: tenut kont tal-fatt illi s-subinċiż (2) huwa marbut mas-subinċiż (1) tal-

Artikolu 873, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-grad ta' preġudizzju. Rikonoxxut il-jedd *prima facie* tar-rikorrenti, l-grad ta' preġudizzju rikjest bħala bażi ta' akkordar ta' ħruġ ta' mandat, hu preġudizzju "li ma jkun jista' jiġi rrimedjat". Irid jingħad ukoll jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ l-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat.

Illi apparti dan, ħsara jew preġudizzju ma titqiesx bħala irrimedjabbli meta si tratta ta' telf pekunjarju ċjoè telf ta' qligħ jew flus. Di fatti, skont l-insenjament mogħti fid-digriet finali fl-ismijiet **Francis Barbara *et. vs.* Carmelo Barbara *et.***[12]:

> "Tqis illi huwa wkoll miżmum li l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma jingħatax ġeneralment fejn il-pretensjoni ta' min jitolbu tkun waħda li tirreferi għal kumpens kwantifikabbli u ħlas ta' danni meta dan jista' jitħares b'rimedju proċedurali kawtelatorju ieħor skont il-liġi.";

(3) ikun jidher *prima facie* li r-rikorrent għandu dak il-jedd: il-liġi tħares il-jedd *prima facie* bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Irid għalhekk, ikun jedd, anke jekk *prima facie*, biex jimmerita ħarsien. Mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikultà, disaġju jew tħassib. Dwar il-prova tal-jedd *prima facie*, l-Qorti tal-Appell, fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Lulju, 1988 fil-kawża **Sonia Grech *pro. et. noe. vs.* Stephanie Manfré** (Kollez. Vol. LXXII.II.295) sostniet is-segwenti:

[12] P.A., 13.05.2014.

> "... huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant, jew il-jeddijiet jidhru *prima facie*, mal-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat."

Illi jingħad ukoll illi l-fatt li tintlaqa' talba għall-ħruġ tal-Mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant ieħor ma jfissirx, illi għax talba għall-ħruġ ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiż ma jeżistix. Mhux il-kompitu tal-Qorti fl-atti tal-Mandat tara jekk il-jedd pretiż hux suxxettibbli għal suċċess fl-azzjoni fil-mertu, iżda biss jekk il-jedd pretiż jikkwalifikax bħala tali għall-finijet oġġettivi tal-liġi.

Illi kulma hu meħtieġ, u fl-istess ħin huwa biżżejjed, għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, li jkun hemm *fumus boni iuris*. Huwa loġiku li billi l-mandat ta' inibizzjoni huwa att kawtelatorju li jrid jinħareġ qabel ma jiġi aċċertat min għandu raġun, il-mandat jinħareġ favur dak li "jidher" (fi kliem l-istess liġi) mal-ewwel daqqa t'għajn li għandu raġun. Iġifieri b'mod verosimili jew plawsibbli, fi kliem ieħor b'mod li jitwemmen jew ikun kredibbli. Dan min-naħa l-waħda jeskludi pretensjonijiet li huma frivoli jew assurdi, jew saħansitra fejn hemm mera possibbiltà u min-naħa l-oħra jeskludi l-ħtieġa li l-pretensjoni jkollha probbabilità kbira li tintlaqa'. Dan hu konformi maċ-ċirkostanza li proċedura ta' din ix-xorta hija intiża sabiex tkun sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dan, kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smigħ

tal-kawża dwar il-jedd. Dan billi fil-proċess dwar il-mertu, l-iskop hu li jiġi aċċertat x'inhu d-dritt fil-każ konkret, filwaqt li l-iskop tal-proċess għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni għandu biss il-funzjoni strumentali li jikkawtela pretenzjoni ta' dritt, anke jekk din tista' ma tkunx fondata, sakemm ikun hemm pronunzjament ġudizzjarju dwar jekk hix tabilħaqq fondata fid-dritt jew le;

Mal-imsemmija tliet elementi espliċitament imsemmija mil-liġi, jistgħu jiżdiedu oħrajn, bosta minnhom elaborati mill-ġurisprudenza:

(4) Il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meqjus bħala mezz proċedurali ta' natura eċċezzjonali. Illi kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Charles Mugliett *vs.* Saviour Bonnici**:

> "il-ħarsien li l-liġi qegħda timmira għalih bi proċediment bħal dak tal-lum huwa li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma ntlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu filwaqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat."[13] ;

(5) "Ir-rabta ta' Mandat ta' Inibizzjoni m'għandhiex tintuża bħala arma ta' theddid jew ġegħiel *(arm twisting)* lill-parti intimata li, jew tagħmel dak li

[13] P.A., 25.01.2005.

tixtieq il-parti rikorrenti jew ma tagħmel xejn. B'dan il-mod, il-mandat ma jibqax għodda li tħares il-jedd *prima facie* tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li żżomm lil parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet tagħha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-liġi li l-Mandat ta' Inibizzjoni jinbidel f'arma bħal din"[14];

(6) Ir-rekwiżiti għall-ħruġ tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi: Għalhekk jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat.

(7) Hemm rekwiżit ieħor fil-każ fejn min qed jiġi miżmum tkun awtorità pubblika bħall-Kunsill Lokali. Dan joħroġ mis-subartikolu (3) tal-Artikolu 873:

> "(3) Il-qorti m'għandha toħroġ ebda mandat bħal dak kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha kemm-il darba l-awtorità jew il-persuna li kontra tagħha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuħ li l-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma tkun fil-fatt maħsuba li ssir, u l-qorti tkun sodisfatta, wara li tisma' l-ispjegazzjonijiet mogħtija, li kemm-il darba ma jinħariġx il-mandat, il-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess għemil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma."

[14] Ara sentenza fl-ismijiet **Avukat Dr John Gauci *vs.* Direttur tal-Kuntratti**, P.A., 18.07.2008

Dan l-element hu dak tal-proporzjonalità tal-preġudizzju li jiġi interpretat b'dan il-mod fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna[15]: fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Computime Ltd. *vs.* Malta Information Technology Agency (MITA) *et.***:

> "L-Qorti sejra tgħaddi biex teżamina t-tieni parti jew element indikat fl-Artikolu 873(3) tal-Kap. 12. tal-Liġijiet ta' Malta u ċioè l-aspett ta' proporzjonalità ta' preġudizzju tal-Gvern kemm il-darba id-dritt vantatt mis-soċjetà rikorrenti jiġi tutelat mill-Mandat ta' Inibizzjoni paragunat ma preġudizzju li jsofri r-rikorrenti fin-nuqqas ta' tali tutela.
>
> Il-preġudizzju pekunjarju tar-rikorrenti ma jibdiex biex jikkompara mal-preġudizzju li jinkorri il-Gvern, kemm-il darba ma jimplimentax l-installazzjoni tal-Wireless Area Network fl-iskejjel kollha tal-Gvern u dan aktar u aktar meta wieħed jipprova jqis il-preġudizzju inkalkolabbli tat-telf f'opportunitajiet ta' tagħlim għal-eluf ta' tfal tal-iskola.
>
> Dan il-preġudizzju kbir għal Gvern (u l-konsegwenti telf ta' opportunita ta' tagħlim għal għadd kbir ta' tfal tal-iskola), jegħleb il-preġudizzju peżanti soffert mir-rikorrenti meta l-proċess tal-aġġudikazzjoni innifsu huwa perċepit bħala ivvizjat?
>
> Hawnhekk tajjeb illi jsir aċċenn għal dak illi ġie ritenut fis-sentenza **JF Security Consultancy *vs*. Dipartiment tal-Kuntratti** deċiża fit-30 ta' Lulju, 2012 mill-Imħallef Joseph R. Micallef:
>
> "...Imma kif ingħad qabel, il-preġudizzju f'dan il-każ mhux wieħed pekunjarju iżda wieħed sostantiv li jolqot is-siwi tal-proċess ta' aġġudikazzjoni fil-qalba tiegħu...""

[15] **Computime Ltd. *vs.* Malta Information Technology Agency (MITA) *et.*,** P.A. 14.12.2012.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-Qorti sejra tqis kif dawn il-prinċipji legali elaborati mill-ġurisprudenza tal-qrati tagħna, għandhom jiġu applikati għall-fatti kif jirriżultaw mill-provi prodotti u dan fl-ambitu tal-eċċezzjonijiet sollevati mill-intervenuti f'din il-proċedura u mill-Kunsill intimat.

Tqis illi kienet l-għażla tas-soċjetà rikorrenti li ddeċidiet li ma tutilizzax ir-rimedji li kellha għad-dispożizzjoni tagħha. Meta kienet is-soċjetà rikorrenti stess li ddeċidiet li ma tressaqx l-oġġezzjoni tagħha quddiem il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi u li ma tintervjenix lanqas quddiem il-Qorti tal-Appell, issa ma tistax tippretendi li hemm xi ksur tal-*audi alteram partem.* Bl-istess argument jekk kulħadd, anki min ma kienx ittenderja fil-bidu, seta' jittenderja bl-ewwel deċiżjoni tal-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi, il-fatt li llum hemm sentenzi tal-Qorti tal-Appell li waqqgħu dawk id-deċiżjonijiet ifisser li hemm ksur tad-drittijiet ta' kulħadd? *Prima facie* dan ma jreġix u din il-Qorti kif presjeduta kellha okkażjoni tittratta punt simili, għalkemm f'ċirkostanzi kemxejn differenti, fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni fl-ismijiet **Flimkien għal Ambjent Aħjar *vs.* Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**[16], fejn ir-rikorrenti ma utilizzawx il-proċeduri li kellhom a dispożizzjoni tagħhom imma mbagħad wara ma setgħux joġġezzjonaw u

[16] P.A. datata 12.05.2016.

jitolbu l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni fir-rigward ta' laqgħa li kienet ser isir meta huma ma kinux *registered objectors.*

Illi hekk kif f'dik l-istanza kien ġie deċiż illi ma kien hemm ebda jedd *prima facie* x'jiġi kkawtelat*,* l-istess raġunament għandu japplika fil-proċeduri odjerni fejn il-Qorti tqis illi t-talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni hija waħda frivola fiergħa u saret b'abbuż tal-istitut tal-mandat ta' inibizzjoni.

Peress li r-rekwiżiti meħtieġa biex tintlaqa' talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni huma kumulattivi, in-nuqqas ta' xi wieħed mill-elementi rikjesti mil-liġi hu diġà biżżejjed biex tiġi miċħuda talba għall-ħruġ ta' mandat ta' din ix-xorta.

Tqis madankollu li abbażi tal-artikolu 873(3) tal-Kapitolu 12, fir-rigward tal-Kunsill intimat bħala entità pubblika, il-preġudizzju li ser jinħoloq lil-lokalità jekk l-għoti tal-kuntratt għall-ġbir tal-iskart jiġi miżmum bil-mandat, ser ikun ferm akbar mill-preġudizzju li tista' ssofri s-soċjetà rikorrenti bħala telf finanzjarju għax ma tkunx tħalliet tikkonkorri għat-*tender* u b'hekk titlef il-kuntratt, preġudizzju li ma jistax jitqies li huwa irrimedjabbli meta s-soċjetà rikorrenti fi kwalunkwe każ dejjem se jibqgħalha r-rimedju li tfittex il-Kunsill għad-danni. Fis-sentenza suċitata fl-ismijiet **Computime Ltd. *vs.* Malta Information Technology Agency (MITA) *et.*** ingħad:

> "Fil-każ in eżami, l-Qorti hija tal-fehma, li s-soċjetà rikorrenti ma ssodisfatx lil din il-Qorti li ser issofri ħsara irrimedjabbli, bin-nuqqas ta' ħruġ tal-Mandat mitlub. Huwa evidenti illi l-ħsara tista' tkun waħda finanzjarja però jidher li r-rikorrenti diġà intavola proċeduri quddiem il-Qorti tal-Appell u għandu disponibbli għalih rimedji ulterjuri. Infatti:
>
> "...in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa mqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fuq il-meritu..." (vide **Dr. Victor Borg Grech *vs*. Gasan et. nomine**[17]).
>
> Illi apparti minn dan, ħsara jew preġudizzju ma titqiesx bħala irrimedjabbli meta si tratta ta' telf pekunjarju ċioè telf ta' qliegħ jew flus."

## <u>Decide</u>

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq imsemmija, filwaqt li qiegħda tiċħad it-talba rikorrenti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tad-29 ta' Marzu, 2017 safejn kienet laqgħet it-talba provviżorjament.**

**Bl-ispejjeż ta' din il-proċedura kontra s-soċjetà rikorrenti.**

[17] P.A. 2/01/1993.

Mogħti kameralment fit-18 ta’ April, 2017.